# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha 6 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 105/2021 ISB**

**Simon Felice (K.I. 458666M) bħala azzjonist u Christopher Pace (K.I.191283M) bħala stralċjarju tal-Kumpannija Felix Services and Installations Limited (C46462) (illum stralċjata)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Simon Felice** (K.I. 458666M) u **Christopher Pace** (KI 191283M), pprezentat fis-17 ta' Dicembru 2021, li permezz tieghu huma talbu lil din l-Qorti:-

1. *Tordna li ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-imsemmija Felix Services and Installations Limited billi jittieħed kont tal-*

*Proprjetajiet ossija l-appartament internament immarkat bin-numru tlettax (13) formanti parti mill-blokk K fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li jinsab fil-livell plus eight (8) u l-one car lock-up garage internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell plus 2 (+2) fil-basement level tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens, kif aħjar deskritti fil-kuntratt tal-akkwist datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012, fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri, li ġew esklużi mill-istess skema ta' distribuzzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu distribwiti a favur ir-rikorrent Simon Felice qua azzjonist tal-istess Felix Services and Installations Limited wara li jittiehdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tiġi approvata tali skema ta' distribuzzjoni rettifikata;*

2. *Tinnomina lin-Nutar Dottor David Joseph Borg, jew nutar ieħor tal-għażla ta' din l-Onorabbli Qorti, sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta' trasferiment tal-imsemmija Proprjetajiet, tappunta jum, ħin u lok għall-finijiet ta' tali pubblikazzjoni u tawtorizza lir-rikorrent Christopher Pace bħala istralċjarju ta' Felix Services and Installations Limited sabiex jirrappreżenta lill-istess soċjeta' fuq l-imsemmi att notarili;*

3. *Tordna lill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jieħu l-miżuri kollha li jistgħu ikunu neċessarji sabiex tali rettifika tkun tista' ssir u tingħata effett;*

4. *Tagħti kull ordni oħra li jidhrilha xierqa u opportuna fiċ-ċirkustanzi.*

U dan wara li ppremettew is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi mressaq a tenur tal-artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Illi r-rikorrent Simon Felice kien azzjonist waħdieni tas-soċjeta' Felix Services and Installations Limited (C46462), u dan kif jirriżulta mill-memorandum u l-istatut tal-kumpannija (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A');*

3. *Illi s-soċjeta` Felix Services and Installations Limited (minn hawn 'il quddiem msejħa bħala "il-Kumpannija") kienet single member company reġistrata f'Malta mar-Reġistratur tal-Kumpanniji bin-numru C46462 u kellha l-uffiċju reġistrat tagħha f'48, Triq il-Falkunier, Fgura, Malta;*

4. *Illi l-Kumpannija kienet ġiet xjolta permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-Kumpannija datata wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) a tenur tal-artikolu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (kopja tal-formola B(1) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B'). Id-direttur tal-Kumpannija Simon Felice, hawn rikorrent, kien wkoll ħareġ Declaration of Solvency datata wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax*

*(2018) a tenur tal-artikolu 268 tal-Att dwar il-Kumpanniji (kopja tal-formola B(2) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C');*

5. *Illi r-rikorrent Christopher Pace ġie appuntat stralċjarju tal-Kumpannija (kopja tal-formola L hawn annessa u immarkata bħala Dok. 'D') fil- wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u ħejja r-rapport tiegħu għall-fini tal-istralċ tal-Kumpannija ossia l-liquidation accounts mill-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-iskema ta' distribuzzjoni datata tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) (kopja tal-liquidation accounts u l-iskema ta' distribuzzjoni hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'E');*

6. *Illi skont l-iskema ta' distribuzzjoni li ħejja l-istralċjarju abbażi ta' dak li kien hemm irrekordjat fil-kotba tal-kumpannija u abbażi tal-informazzjoni li ingħata mill-azzjonist, il-Kumpannija kellha biss bilanċ ta' €1,050 disponibbli għad-distribuzzjoni;*

7. *Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-imsemmija Kumpannija ġiet struck off ossia kanċellata mir-Reġistru tal-Kumpanniji u dan wara li tlesta l-proċess ta' stralċ (kopja ta' statement maħruġ mir-Registratur tal-Kumpanniji annessa u mmarkata bhala Dok. 'F');*

8. *Illi meta saret l-iskema ta' distribuzzjoni, l-appartament internament immarkat bin-numru tlettax (13) formanti parti mill-blokk 'K' fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li jinsab fil-livell plus eight (+8) u l-one car lock-up garage internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell plus 2 (+2) fil-basement level tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens, kif aħjar deskritti fil-kuntratt tal-akkwist datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri (minn hawn il-quddiem msejjħin bħala "il-Proprjetajiet"'- ara Dok. 'G') ma ġewx meqjusin mill-istralċjarju in vista tal-fatt li r-rikorrent Simon Felice kien mingħalih li l-Proprjetajiet kienu jappartjenu lilu fil-vesti personali tiegħu. B'konsegwenza ta' dan ma infurmax lill-istralċjarju b'dawn il-Proprjetajiet u l-iskema ta' distribuzzjoni ma kinitx tinkludi dawn il-Proprjetajiet. Għalhekk, l-isem tal-kumpannija tħassar minn fuq ir-Reġistru mingħajr ma dawn il-Proprjetajiet laħqu ġew trasferiti lill-azzjonist tal-Kumpannija;*

9. *Illi r-rikorrenti għandhom interess illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv tal-istralċ tal-Kumpannija sabiex l-imsemmija Proprjetajiet ikunu jistgħu jidħlu mal-assi tal-Kumpannija fl-iskema ta' distribuzzjoni u jiġu mqassma a favur l-azzjonist tal-istess Kumpannija;*

10. *Illi ser ikun meħtieg li għall-eventwali distribuzzjoni tal-imsemmija Proprjetajiet isir att notarili li fuqu tidher il-Kumpannija sabiex titrasferixxi u tassenja l-Proprjetajiet favur ir-rikorrent Simon Felice;*

11. *Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta l-Kumpannija tħassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors (DOK A sa DOK I).

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha tas-17 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fil-12:15, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-24 ta' Jannar 2022 (ara tergo ta` fol 59).

Rat illi fit-8 ta' Frar 2022, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **<u>ir-risposta</u>** tieghu (fol 60) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-merti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Illi meta r-Reġistratur irċieviet id-dokumentazzjoni mibgħuta lilha għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija Felix Services and Installations Limited (C 46462), wara li kkonfermat illi huma konformi mal-liġi, hija mxiet sabiex tirreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju l-esponenti pproċediet sabiex fit-28 ta' Awissu 2018, tippublika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*
>
> *Illi minkejja tali publikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*
>
> *Illi ghaldaqstant l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fil-31 ta' Mejju 2018 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija u mill-uffiċjal tagħha stess;*
>
> *Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħdin issostnu illi sussegwentament għall-kanċellament tal-kumpanija in kwistjoni irriżulta illi kien ghad hemm assi immobbli, illi kienu ghadhom registrati f'isem is-soċjeta' Felix Services and Installations Limited Limited (C 46462). Għaldaqstant dawn ma setgħux jigu inklużi fil-liquidation accounts u kif ukoll fl-iskema ta' distribuzzjoni mħejjija mill-istralċjarju, u għalhekk ma ġewx meqjusa fil-proċedura tax-xoljiment u l-kanċellament tal-istess kumpanija;*

*Illi ghaldaqstant fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħdin jitolbu sabiex l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid u konsegwentement tkun tista' tiġi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-assi li tħallew sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu mqassma mingħand il-kumpanija de quo illi ġiet stralċjata u kanċellata , għal għand ir-rikorrent bhala l-uniku azzjonist;*

*Illi skont ir-rikkorent, l-assi in kwistjoni tħallew barra bi svista ghaliex hu kien taħt l-impressjoni żbaljata illi tali proprjeta' kienet reġistrata f'ismu personali filwaqt illi l-istralċjarju min-naħa tieghu stqarr illi skont hu kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u bejn ir-rikorrent;*

*Illi l-Artikolu 300A tal-Att jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija, l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha interess, tista' permezz ta' rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distrbuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kundizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi jkollha quddiemha;*

*Illi f'każ ta' stralċ voluntarju, bħal ma kien dak tal-kaz odjern, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onerużi. Għaldaqstant l-istralċjarju kellu jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u l-pertinenzi tal-kumpanija partikolarment fuq dawk immobbli jkunu verament għaddew u iffinalizati, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi ta' min wieħed jinnota wkoll illi f' dan il-każ ir-rikorrent kien mhux biss l-uniku azzjonist tal-kumpanija imma ukoll l-uniku direttur u segretarju tal-kumpanija Felix Services and Installations Limited (C 46462);*

*Illi l-esponenti, bla preġudizzju għas-suespost, tħoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan r-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f' dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi l-intimata Reġistratur m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż ġudizzjarji konnessi ma' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022, deher ir-rapprezentant legali tal-atturi u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji u f'dik is-seduta giet pprezentata nota tar-rikorrenti b'DOK J, li huwa veru

kopja ta' kuntratt pubbliku tas-27 ta' Gunju 2012 fl-atti tan-Nutar Clarissa Cuschieri.

Rat illi f'dik l-istess seduta, id-difensuri tal-partijiet kienu qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni u hekk thalliet ghat-13 ta' Mejju 2022.

Rat id-Digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2022 li permezz tieghu il-Qorti issosspendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u talbet ghal aktar informazzjoni minn ghand ir-rikorrenti, liema informazzjoni dokumentali giet pprezentata b'nota tas-7 ta' April 2022.

Rat illi fl-udejnza tat-13 ta' Mejju 2022 dehru ir-rikorrenti assistiti u wara illi semghet lill-istess rikorrent in Awla (mhemmx depozizzjoni traskritta), il-Qorti hasset illi tista' tghaddi ghad-decizjoni u halliet il-kawza ghal dan il-ghan ghall-llum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu **300A tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** u li permezz taghha, ir-rikorrenti jirreferu ghas-socjeta` **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** li taghha ir-rikorrenti Simon Felice kien azzjonista wahdani u r-rikorrenti Christopher Pace kien stralcarju. Din il-kumpannija giet likwidata wara illi kien hemm rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija tal-31 ta' Mejju 2018 u gie appuntat Christopher Pace bhala likwidatur.

Fit-30 ta' Gunju 2018 l-imsemmi Christopher Pace hejja l-iskema ta' distribuzzjoni abbazi ta' dak illi rrizultalu mill-kotba tal-kumpannija u abbazi tal-informazzjoni illi nghata mill-azzjonista ko-rikorrenti, u l-kumpannija giet *struck off* fit-28 ta' Novembru 2018.

Ir-rikorrenti ighidu illi meta saret l-iskema ta' distribuzzjoni, l-appartament internament immarkat bin-numru tlettax (13) formanti parti mill-blokk 'K' fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li jinsab fil-livell plus eight (+8) u l-one car lock-up garage internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell plus 2 (+2) fil-basement level tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens, kif aħjar deskritti fil-kuntratt tal-akkwist datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri (minn hawn il-quddiem msejjħin bħala "il-Proprjetajiet"'- ara Dok. 'G') ma ġewx meqjusin mill-istralċjarju in vista tal-fatt li l-ko-rikorrent Simon Felice kien mingħalih li l-proprjetajiet kienu

jappartjenu lilu fil-vesti personali tiegħu u li la kien iddikjarahom fil-kotba tal-kumpannija u lanqas gharraf bihom lill-istralcarju.

Ir-rikorrenti jsostnu illi b'konsegwenza ta' dan, l-iskema ta' distribuzzjoni ma kinitx tinkludi l-istess proprjetajiet hawn fuq msemmija, bil-konsegwenza illi r-rikorrent Simon Felice ghandu interess illi jerga' jirrientegra l-kumpannija fuq ir-Registru, sabiex l-imsemmija proprjeta' tinqaleb fuq ismu billi ssir rettifika fl-iskema ta' distribuzzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jirrimetti ruhu ghall-merti fattwali u ighid illi huwa ghaddha ghall-kancellament tal-kumpannija de quo wara li kien ircieva d-dokumentazzjoni relattiva ghall-likwidazzjoni u ra li kienet konformi mal-ligi. Jispejga illi huwa mexa skond il-provvedimenti tal-ligi.

Jghid illi huwa qatt ma rcieva xi forma ta' oggezzjoni ghat-thassir tal-isem matul il-perjodu statutorju, u jsostni illi f'kaz ta' stralc volontarju, l-oneru fuq l-istralcarju sabiex jassikura illi ttiehed kont tal-assi kollha qabel ma jghaddi ghas-sottomissjoni tad-dokumenti finali huwa akbar.

Jitlob illi jekk il-Qorti tirrientegra l-kumpannija lura fuq ir-Registru, l-iskop u l-perjodu ghandhom ikunu definiti.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

## Art. 300(A) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*
>
> *(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa:*
>
> *Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.*

> *(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tal-Artiklu appena citat. Il-Qorti tiehu nota partikolari tal-kliem uzat mill-ligi "*meta jidhrilha xieraq*" – u tqis illi l-legislatur ried illi jhalli diskrezzjoni wiesa' f'idejn il-Qorti sabiex tiddetermina kull kaz skond ic-cirkostanzi tieghu.

Ma hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru u allura l-azzjoni per se hija meqjusa ammissibbli.

Jifdal illi l-Qorti, wara ezami tad-dokumenti prodotti, tal-provi kollha sottomessi u ta dak li semghet waqt l-ahhar udjenza u wara illi taghmel apprezzament taghhom, tara jekk ikunx xieraq illi tordna ir-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni kif mitlub u ghar-ragunijiet mitluba.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi hija tinsab ferm pre-okkupata b'dak illi ghandha quddiemha, u ser tispjega.

Illi fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent **Simon Felice** ighid illi din il-proprjeta' ma kienx iddikjarha lill-istralcarju ghaliex "*dejjem minghalija illi l-proprjetajiet kienu akkwistati f'ismi personali, u infatti qatt ma gew inkluzi fil-kotba tal-kumpannija*".

Minn naha tieghu, ir-rikorrent Christopher Pace ighid illi huwa ghadda ghall-iskema ta' distribuzzjoni "*a bazi ta' dak li kien hemm fil-kotba tal-kumpannija u abbazi ta' dak li qalli l-azzjonist wahdieni tal-kumpannija*".

Illi issir referenza ghall-kuntratt pubbliku tas-27 ta' Gunju 2012 (DOK J a fol 75) minn fejn jirrizulta illi s-socjeta` Savoy Gardens Limited bieghet u ttrasferiet lill-kumpannija **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** il-proprjeta' bin-numru tlettax (13) formanti parti mill-blokk 'K' fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li jinsab fil-livell plus eight (+8) u l-one car lock-up garage internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell plus 2 (+2) fil-basement level tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens.

Fl-istess kuntratt pubbliku hemm dikjarat illi dan il-bejgh kien qed isir "*for the global price of one hundred and eleven thousand six hundred and thirty-five euro (€111,635) out of which price the sum of ninety three thousand Euros (€93,000) is for the apartment and the sum of eighten thousand six hyundred and thirty five Euros (€18,635) for the garage and which global sum has been settled prior to today and which transfer for property is being made in part settlement for invoices for services rendered by the Purchaser*".

Illi meta l-Qorti ssosspendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, hija talbet lir-rikorrent sabiex jesebixxi l-accounts u l-financial statements tas-socjeta' **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** ghall-perjodu 2010 sa 2017. Dan ikopri l-perjodu minn sentejn qabel l-akkwist tal-proprjetajiet de quo sal-ahhar sena meta ttiehdet id-decizjoni li l-kumpannija tigi likwidata u stralcjata.

Ir-rikorrent intalab ukoll jesebixxi kopja tal-invoices kollha mahruga minn **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** lil kumpannija Savoy Gardens Limited, il-venditrici, ghax-xogholijiet pprestati mis-socjeta` **Felix Services and Installations Limited (C 46462)** lil dik venditrici riferibbli in parti, ghall-prezz li kien qed jigi mhallas bit-trasferiment tal-proprjeta' de quo.

Illi mid-dokumenti esebiti tassew jirrizulta dak li qal ir-rikorrent Simon Felice, cioe` illi l-proprjetajiet ma gewx inkluzi fil-kotba tal-kumpannija. Dan huwa rifless ukoll fl-istatements finanzjarji illi gew prodotti peress illi minn mkien ma jidher jew jirrizulta illi parti mill-invoices tas-socjeta' Savoy Gardens Limited gew mhallsa.

Il-Qorti ssib difficli temmen lir-rikorrent Simon Felice meta ighid illi kien minghalih illi akkwista l-proprjeta' f'ismu personali, u dan peress illi l-kuntratt pubbliku tas-27 ta' Gunju 2012 huwa car, mhux biss fis-sens illi huwa kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpannija **Felix Services and Installations Limited**, imma ukoll hemm id-dikjarazzjoni cara u skjetta illi dan it-trasferiment kien qed isir **bi hlas tas-socjeta` hemmek venditrici lis-socjeta` hemmek akkwirenti ghal servizzi rezi u invoices pendenti**. Id-dikjarazzjoni li qed jaghmel illum Simon Felice illi kien minghalih illi l-proprjeta' akkwistha f'ismhu personali, thalli dubbju kbar dwar il-veracita' taghha u l-Qorti tikkonkludi illi anke kieku dan kien veru, kien ikun evidenti illi Simon Felice kien ikun qed ihawwad l-affarijiet tal-kumpannija ma' dawk personali.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti ma tisghax temmen dak li ddikjara ir-rikorrent Simon Felice fl-affidavit tieghu u fir-rikors minnhu mressaq.

Il-Qorti tqis ukoll illi mid-dokumenti finanzjarji esebiti mhux biss ma jirrizultax illi giet dikjarata l-proprjeta` bhala ass tal-kumpannija, imma ukoll illi ma jirrizultax illi dak l-intorju tal-kumpannija gie effettivament dikjarat, wisq anqas mhallas il-VAT dovut u t-taxxa dovuta mil-kumpanniji skond il-ligi.

Il-Qorti tqis ukoll illi Simon Felice seta' nesa` jgharraf lill-Awditur fis-sena tal-akkwist, fis-sena 2012 (l-aktar sena illi ma jmissux nesa`!!), b'dana kollu jirrizulta ukoll illi nesa` anke fil-hames jew sitt snin ta' wara, u sahansitra nesa` anke javza lill-Awditur ko-rikorrenti illi ha hsieb ix-xoljiment tal-kumpannija. Il-Qorti issib difficli temmen dan, partikolarment in vista tal-fatt illi s-socjeta' tar-rikorrenti baqghet sas-sena 2017 tohrog *invoices* lil dik venditrici u ghalhekk kien hemm certament cirkostanzi illi setghu facilment fakkru lir-rikorrenti jgharraf lill-Awditur bihom.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis illi anke kieku stess il-verzjoni tar-rikorrenti Simon Felice ghandha mis-sewwa, tfakkar illi hija r-responsabbilita' shiha tal-ufficcjali tal-kumpannija illi jaghtu l-informazzjoni **kollha** relattiva u preciza lill-awdituri, sena wara sena, u anke lill-istralcarju sabiex jkunu mhejjija il-*liquidation accounts*. Huwa ghalhekk illi r-responsabbilita' ta' dan in-nuqqas kollu taqa' dejjem f'hogor ir-rikorrent Simon Felice.

Il-Qorti tqis illi dak li ghandha quddiemha fil-kaz in ezami, jista' huwa zball genwin (kif isostni r-rikorrenti u li l-Qorti ssibha difficli temmen), imma jista' hu abbuz serju li sar minn Simon Felice li kellu l-kumpannija **Felix Services and Installations Limited** u li taghha huwa kien azzjonista solitarju u direttur uniku. Il-Qorti mhix qed tghid illi kien hemm abbuz, imma qed tghid illi jista' kien hemm agir abbuziv ghal evazjoni ta' taxxa u ghalhekk illi l-Qorti ser tiehu l-mizuri necessarji biex isiru l-investigazzjonijiet oppportuni.

Il-Qorti tqis illi nuqqas li l-ligi ma tridx u ma tippermettix u li jwassal ghal konsegwenzi gravi b'nuqqasijiet serji ta' dmirijiet mhux biss ta' l-istess rikorrenti bhala ufficjali tal-kumpannija, imma ukoll tal-kumpannija stralcjata, m'ghandhomx ikunu tollerati.

Dan qed jinghad peress illi kif jirrizulta illi saru l-affarijiet, ghax-xogholijiet pprestati mill-kumpannija **Felix Services and Installations Limited** lis-socjeta' Savoy Gardens Limited, hemm hlas in parti ta' *€111,635* permezz ta' trasferiment tal-proprjeta` de quo, minn somma akbar illi kienet dovuta

u li skond l-invoices esebiti, sa dak in-nhar (Gunju 2012) kienet tlahhaq il-fuq minn *€400,000*, liema somma baqghet tizdied fix-xhur u s-snin ta' wara, bl-ahhar invoice tkun datata Jannar 2017, appena sena u ftit xhur qabel ma ghaddiet ir-rizoluzzjoni ghax-xoljiment tal-kumpannija.

Anke dan il-fatt imur biex iwassal lill-Qorti tqis illi l-verzjoni ta' Simon Felice mhix kredibli. Meta sena wara sena, il-kumpannija tieghu kien baqghala bilanci x'tithallas mis-socjeta' Savoy Gardens Limited, possibbli illi kien jinsa`, sena wara sena, jiddikjara ir-rikavat in parti illi l-kumpannija tieghu kienet irceviet?

Il-Qorti tqis illi jirrizulta illi fuq dan l-ammont ta' *€111,635*, is-socjeta' **Felix Services and Installations Limited** hallset 5% boll, ghal total ta' *€5585.* Certament illi gja la darba dawn l-ammonti ma dehrux fil-kotba tal-kumpannija, allura thallset 5% taxxa fuq it-trasferiment, veru, izda ma thallas xejn aktar u b'hekk gew iffrankati it-35% taxxa tal-kumpannija fuq id-dhul, oltre`, potenzjalment, il-hlas tal-VAT.

Il-Qorti qed tqis dan bhala abbuz potenzjali illi hija qed tirriskontra f'dawn il-proceduri u jekk kellu jkun ammess illi dan ma kienx intenzjonat da parti ta' Simon Felice, pero` ma jirrizultax mill-atti illi huwa ttenta jirrigolarizza l-posizzjoni fiskali tal-kumpannija, lanqas fit-talbiet maghmula jew addirittura qabel ma ntavola dawn il-proceduri.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi t-talbiet mressqa huma bbazati fuq agir illecitu u fatti illi jistghu jwasslu ghal agir anke kriminuz da parti tal-uniku ufficjal tal-kumpannija u huwa ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti rizultanti lill-Qorti, illi l-Qorti sejra tiehu il-provvedimenti kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti ma tistghax thossha komda, quddiem dan kollu, illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biex issir ir-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni qisu xejn mhu xejn, fejn il-proprjeta' msemmija tghaddi f'isem ir-rikorrenti Simon Felice u dawn l-allegati nuqqasijiet u illegalitajiet jibghu mhux indirizzati jew jghaddu inosservati.

Il-Qort ma thossx, illi fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, huwa xieraq illi tordna ir-rettifika mitluba.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u peress illi l-Qorti ma jidhriliex illi huwa xieraq illi tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni li saret fil-kors tal-istralc tal-kumpannija **Felix Services and Installations**

**Limited (C 46462)**, it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda, bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrent Simon Felice.

**Il-Qorti ser taghmel dak illi legalment u fil-kuxjenza taghha thoss illi huwa doveruz illi taghmel.**

**Il-Qorti tiehu sitwazzjonijiet bhal dawn b'serjeta' kbira u filwaqt illi mhux ser tidhol fil-mertu u b'ebda mod mhu qed tesprima ruha, pero`, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u ghal dak li jirrizulta fl-atti ta' dawn il-proceduri, il-Qorti thoss illi ghandha tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex a spejjes tieghu jibghat kopja ta' din is-sentenza,**

**(a) lill-Kumissarju tal-Pulizija u**

**(b) lid-Direttur tat-Taxxi (Income Tax u VAT) u**

**(c) lit-Tax Compliance Unit,**

**ghall-ahjar attenzjoni u indagni taghhom fid-dawl tar-rizultanzi kif hawn fuq dikjarati u tawtorizzhom minn issa, ghal kull buon fini, jiehdu konjizzjoni jew kopji tal-atti kollha ta' dan il-procediment jew parti minnhom kif huma jista' jkun jidhrilhom xieraq.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**